**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 8**

**It-Tnejn 2 ta' Diċembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier (telaq mis-seduta 18.30) |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 08.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**08.01.01** Is-Sur Andrew Cassar bagħat email lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fejn infurmaha li minħabba raġunijiet ta' xogħol huwa ma setax jattendi din il-laqgħa. Din l-apoloġija ntlaqat mill-Kunsilliera preżenti.

## 08.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 6)

**08.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquiluna u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt, il-minuti ta' seduta **06** ġew approvati unanimament.

## 08.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**08.03.01** *Bdil tat-toilets tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali:* Is-Sindku John Schembri semma li ngħabet kwotazzjoni sabiex it-toilets li jinsabu fl-Uffiċċju Amminstrattiv tal-Kunsill Lokali jinbidlu għaliex hemm problemi ta' stadd. Is-Sindku John Schembri spjega li l-Viċi Sindku Keith Bartolo s'issa ġab kwotazzjoni waħda sabiex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsilliera preżenti qablu kollha li jinġiebu żewġ kwotazzjonijiet oħra.

**08.03.02** *Sound għall-Attivita` tal-Milied:* Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li huwa ġab tliet kwotazzjonijiet għal sound għall-Attivita` tal-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat il-kwotazzjonijiet lill-Kunsilliera preżenti. Il-Kunsilliera preżenti qablu u approvaw il-kwotazzjoni li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill Lokali.

## 08.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**08.04.01** Is-Sindku John Schembri spjega li l-Kunsill Lokali rċieva Management Letter maħruġa mill-Awdituri li fiha kienu indikati ċertu nuqqasijiet. Is-Sindku John Schembri spjega li wieħed minn nuqqasijiet li jrid ikun indirizzat b'mod iminenti huwa l-każ ta' żewġ kuntratturi differenti, Polidano Brothers li ħadmu fi Triq Sir Ugo Mifsud u Asfaltar Ltd. li ħadmu fi Triq il-Parroċċa. Il-Kunsilliera preżenti bi qbil unanimu qablu li dawn il-kuntratturi ma jitħallsux u l-każ jingħalaq darba għal dejjem.

## 08.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**08.05.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina reġa' fakkar lis-Sindku John Schembri John Schembri u lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell dwar l-istaffa tal-van tal-Kunsill sabiex tinġieb kwotazzjoni oħra.

**08.05.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa lis-Sindku John Schembri aġġornament dwar l-installazzjoni ta' mera f'Ħal Farruġ. Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsillier Frederick Aquilina li huwa qabbad lill-Viċi Sindku Keith Bartolo sabiex jieħu ħsieb li din tkun installata.

**08.05.03** Il-Kunsillier Frederick Aquilina rrimarka li l-bozoz fi Triq il-Ġdida u Triq id-Dokkiena għadhom maqtugħin. Is-Sindku John Schembri qal lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sabiex bħala Kunsill niktbu lill-perit inkarigat ta' Infrastructure Malta u ninfurmawh bil-każ.

**08.05.04** Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal lis-Sindku sabiex isir xi xogħol ta' trimming fil-boundary wall bejn Ħal Farruġ u Triq l-Eggret l-Isfar. Il-Kunsillier Frederick Aquilina spjega li din hija soft area fejn is-siġar taż-żebbuġ. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier Frederick Aquilina li se jieħu ħsieb li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema ta' barra tal-Kunsill Lokali.

**08.05.05** Il-Kunsillier Matthew Spiteri spjega kif l-istatwi taċ-ċimiterju qegħdin f'kundizzjoni ħażina ħafna u jridu jinbidlu. Il-Kunsill Jeffrey Scicluna qabel u qal li dawn iridu jsiru mill-ġdid. Il-Kunsilliera preżenti qablu li dawn isiru mill-ġdid u jintalbu tliet stimi.

**08.05.06** Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal li hemm bżonn aktar qsari fejn saru l-bollards il-ġodda sabiex nagħtu ambjent isbaħ lill-pjazza.

**08.05.07** Il-Kunsillier Anton Gatt semma kif Ti Triq Sant'Andrija hemm għadd ta' yellow lines fejn tal-Lottu u ħanut tal-pastizzi. Il-Kunsillier Anton Gatt irrimarka li dan il-parking għandu jkun għal kulħadd u li ma jsirx żgombru. Il-Kunsillier Anton Gatt issuġġerixxa li jsir aktar enforcement sabiex ma jibqgħux jinħarġu mwejjed u siġġijiet li mhux suppost.

**08.05.08** Il-Kunsillier Anton Gatt qal li c-charging pillar li jinsab fi Triq Sant'Andrija għandu jitressaq minn fejn hu għaliex qed jostakola. Il-Kunsilliera preżenti bi qbil unanimu qablu li dan għandu jitressaq u jitqiegħed f'post aħjar.

## 08.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**08.06.01** Xejn

## 08.07 Korrispondenza

**08.07.01** Il-Kunsill Lokali rċieva suġġeriment sabiex xi linji sofor jinqalbu għal bojod fi Triq Ġorġ Zahra. Il-Kunsilliera preżenti bi qbil unanimu qablu ma' din il-proposta.

## 08.08 Aġġornament dwar l-Attivita` tal-Milied

**08.08.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna, li hu inkarigat minn din l-attivita` ta aġġornament dwar din. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li l-bankarelli huma mħallsin u se jinġiebu jumejn qabel, il-ħaddiema tal-Kunsill se jgħinu fl-armar ta' dawn il-bankarelli. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li huwa għandu kollox ippreparat u reġa' tkellem ma' dawk involuti sabiex kulħadd ikun jaf x'għandu x'jagħmel u fuq liema bankarella se joqgħod.

## 08.09 Aġġornament tat-Tender tal-Cameras

**08.09.01** Is-Sindku John Schembri spjega li l-installazzjoni tal-cameras se jinbdew fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku John Schembri qal li l-cameras ta' fejn l-iskips fi Triq Sant'Andrija u Pjazza Sant'Andrija se jingħataw prominenza. Is-Sindku John Schembri spjega li dawn il-cameras se jaħdmu bis-Sim Cards, liema Sim Cards huma diġa' ppreparati minn naħa tas-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell. Is-Sindku John Schembri informa ukoll

## 08.10 Skema tal-Karnival

**08.10.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali se japplika għall-iskema tal-Karnival. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna fisser li jekk tintlaqa' l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali, il-Kunsill Lokali se jkun qed jibbenefika minn €10,000. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna fisser li din l-attivita` kieku ssir, il-Ħadd 2 ta' Marzu. Il-Kunsilliera preżenti, bi qbil unanimu qablu li l-Kunsill Lokali għandu japplika għal din l-iskema.

## 08.11 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash

**08.11.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri u sekondat mill-Kunsillier Frederick Aquilina, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 08.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**08.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tnejn, 2 ta' Diċembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |